SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

22 ta' Diċembru 2008 *

Fil-Kawża C-282/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Cour d'appel de Liège (il-Belġju), permezz ta' Deċiżjoni tas-6 ta' Ġunju 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Ġunju 2007, fil-proċedura

État Belge — SPF Finances

vs

Truck Center SA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, T. von Danwitz, R. Silva de Lapuerta (Relatur), G. Arestis u J. Malenovský, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Avukat Ġenerali: J. Kokott,
Reġistratur: K. Sztranc-Sławiczek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-15 ta' Mejju 2008,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Truck Center SA, minn X. Thiebaut u X. Pace, avocats,

— għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet u J.-C. Halleux, bħala aġenti,

— għall-Gvern Franċiż, minn J.-C. Gracia, bħala aġent,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. M. Wissels u Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. I. Fernandes u V. B. Guimarães, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn T. Harris, bħala aġent, assistita minn K. Bacon, barrister,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J.-P. Keppenne u R. Lyal, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 73 B u 73 D tat-Trattat KE (li saru, rispettivament, l-Artikoli 56 KE u 58 KE).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn l-Istat Belġjan u Truck Center SA (li qabel kienet Truck Restaurant Habay, iktar 'il quddiem "Truck Center"), stabbilita fil-Belġju, fir-rigward tat-tassazzjoni tal-interessi dovuti, matul is-snin 1994 sa l-1996, minn din il-kumpannija bħala ħlas għal self mogħti minn SA Wickler Finances (iktar 'il quddiem "Wickler Finances"), stabbilita fil-Lussemburgu.

Il-kuntest ġuridiku

3 Skont il-qorti tar-rinviju, id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali huma li ġejjin.

4 L-Artikolu 226 tal-Kodiċi Belġjan tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-1992 (iktar 'il quddiem iċ-"CIR 1992") jipprovdi li:

"Ir-Re jista', taħt il-kundizzjonijiet u fil-limiti li huwa jiddetermina, jirrinunzja totalment jew parzjalment għall-ġbir tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dħul minn kapital u l-beni mobbli u d-dħul varju, sa fejn dan jirrigwarda dħul miġbur minn benefiċjarji li jistgħu jiġu identifikati […]"

5 L-Artikolu 267 taċ-CIR 1992 jgħid li ġej:

"It-taxxa f'ras il-għajn fuq dħul minn beni mobbli ssir dovuta meta jkun hemm l-attribuzzjoni jew il-ħlas tad-dħul, fi flus jew in natura. Titqies b'mod partikolari bħala attribuzzjoni, l-iskrizzjoni ta' dħul fuq kont miftuħ favur il-benefiċjarju, anki jekk dan il-kont ma jkunx disponibbli, sakemm tali nuqqas ta' disponibbiltà jkun dovut għal ftehim espliċitu jew taċitu mal-benefiċjarju. […]"

6 L-Artikoli 105 sa 119 tad-Digriet Irjali ta' Eżekuzzjoni tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul tal-1992, tas-27 ta' Awwissu 1993 (iktar 'il quddiem l-"AR/CIR 1992") li jikkonċerna r-rinunzja totali jew parzjali mill-ġbir tat-taxxa f'ras il-għajn fuq dħul minn beni mobbli (imsejħa "précompte mobilier").

7 Il-punt 3(b) tal-Artikolu 105 tal-AR/CIR 1992 jipprovdi li għall-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli, wieħed għandu jifhem b'"investituri professjonisti", il-kumpanniji residenti.

8 Skont il-punt 9(c) tal-Artikolu 107(2) tal-AR/CIR 1992, m'għandhiex tiġi imposta t-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dħul minn kreditu u self li l-benefiċjarji tiegħu huma identifikati bħala investituri professjonisti.

9 Il-Ftehim bejn il-Belġju u l-Lussemburgu dwar ħelsien minn taxxa doppja u li jirregola ċertu kwistjonijiet fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u fuq il-kapital, u l-protokoll finali

relatat miegħu, iffirmati fil-Lussemburgu fis-17 ta' Settembru 1970 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Belġju-Lussemburgu"), jiffissa r-regoli ta' kif titqassam il-kompetenza fiskali bejn ir-Renju tal-Belġju u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

10 L-Artikolu 11 ta' dan il-Ftehim jipprovdi:

"§ 1. L-interessi derivanti minn Stat kontraenti u attribwiti lil resident tal-Istat l-ieħor huma taxxabbli f'dan l-Istat l-ieħor.

§ 2. Madankollu, dawn l-interessi jistgħu jiġu ntaxxati fl-Istat kontraenti ta' fejn dawn joriġinaw u skont il-liġijiet ta' dan l-Istat, iżda t-taxxa hekk stabbilita ma tistax teċċedi l-15 % tal-ammont tagħhom.

§ 3. B'deroga għas-subartikolu § 2, l-interessi ma jistgħux jiġu intaxxati fl-Istat kontraenti ta' fejn dawn joriġinaw meta jiġu attribwiti lil impriża tal-Istat kontraenti l-ieħor.

Il-paragrafu preċedenti ma japplikax fil-każ ta':

1° interessi minn obbligazzjonijiet u titoli oħra ta' self, ħlief għall-effetti ta' kummerċ li jirrappreżentaw krediti kummerċjali;

2° interessi attribwiti minn kumpannija residenti ta' Stat kontraenti lil kumpannija residenti tal-Istat kontraenti l-ieħor li jkollha direttament jew indirettament mill-inqas 25 % tal-azzjonijiet jew ishma flimkien ma' dritt ta' vot tal-ewwel kumpannija."

11 L-Artikolu 23 ta' dan il-Ftehim jgħid li:

"§ 1. Fir-rigward tar-residenti tal-Lussemburgu, it-taxxa doppja hija evitata b'dan il-mod:

[…]

2° it-taxxa miġbura fil-Belġju skont dan il-Ftehim:

[…]

b) fuq l-interessi suġġetti għas-sistema prevista fl-Artikolu 11 § 2, tiġi imputata fuq it-taxxa relatata ma' dan l-istess dħul li jinġabar fil-Lussemburgu. L-ammont hekk imnaqqas ma jistax madankollu jeċċedi la l-frazjoni tat-taxxa, li tikkorrispondi b'mod proporzjonali ma' dan id-dħul miġbur fil-Belġju, u lanqas għall-ammont li jikkorrispondi għat-taxxa li tinġabar minn ras il-għajn fil-Lussemburgu fuq dħul analogu attribwit lil residenti tal-Belġju. L-

imsemmija taxxa miġbura fil-Belġju hija deduċibbli mid-dħul taxxabbli fil-Lussemburgu biss sa fejn din taqbeż it-taxxa miġbura f'ras il-għajn fil-Lussemburgu fuq dħul analogu mogħti lil residenti Belġjani.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 Fil-25 ta' Frar 1992, Wickler Finances, li tippossjedi 48 % tal-kapital ta' TruckCenter, sellfet lil din il-kumpannija somma ta' BEF 50 miljun.

13 Mill-1994 sa l-1996, l-interessi fuq dan is-self ġew irreġistrati mingħajr ma tħallsu u ma nġabret l-ebda taxxa f'ras il-għajn.

14 Fil-11 ta' Diċembru tal-1997, avviż ta' impożizzjoni *ex officio* tat-taxxa f'ras il-għajn, b'rata ta' 13.39 % għas-snin 1994 u 1995 u b'rata ta' 15 % għas-sena 1996, intbagħat lil Truck Center.

15 Fis-17 ta' Diċembru 1998, Truck Center ippreżentat ilment kontra din l-impożizzjoni *ex officio* lid-direttur reġjonali tat-taxxa kompetenti.

16 Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2004, huwa żamm il-prinċipju tal-impożizzjoni tal-interessi taħt it-taxxa f'ras il-għajn fuq dħul minn beni mobbli.

17 Fil-15 ta' Marzu 2005, Truck Center ippreżentat rikors quddiem it-tribunal de première instance ta' Arlon.

18 Peress li, billi rriżervat il-benefiċċju ta' rinunzja mill-ġbir tat-taxxa f'ras il-għajn fuq dħul minn beni mobbli biss għall-kumpanniji residenti tar-Renju tal-Belġju, il-leġiżlazzjoni Belġjana kienet tmur kontra l-Artikolu 56 KE, it-tribunal de première instance ta' Arlon laqa' r-rikors ta' Truck Center permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2006.

19 Fis-7 ta' Lulju 2006, l-Istat Belġjan appella kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

20 F'dawn il-kundizzjonijiet, il-cour d'appel ta' Liège iddeċidiet li tissospendi l-kawża quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikoli 105(3)(b) u 107(2)(9), tal-AR/CIR 1992, adottat skont l-Artikolu 266 [tas-CIR 1992], moqrija flimkien mal-Artikolu 23 tal-Ftehim Belġju-Lussemburgu […] jmorru kontra l-Artikolu 73 […] tat-Trattat […] inkwantu, billi rriżervaw esklużivament it-tnaqqis tat-taxxa f'ras il-għajn previst fl-Artikolu 107(2)(9) għall-interessi attribwiti lill-kumpanniji residenti, huma għandhom, b'mod partikolari, minn naħa, bħala effett li jiddiswadu lill-kumpanniji residenti milli jissellfu kapitali minn kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor u, min-naħa l-oħra, huma jikkostitwixxu għall-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor ostaklu milli jinvestu, permezz ta' self, kapitali f'kumpanniji li għandhom l-uffiċju rreġistrat tagħhom fil-Belġju?"

Fuq id-domanda preliminari

21 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikoli 73 B u 73 D tat-Trattat jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timponi taxxa f'ras il-għajn tat-taxxa fuq l-interessi mħallsa minn kumpannija residenti ta' dan l-Istat lil kumpannija benefiċjarja residenti ta' Stat Membru ieħor, filwaqt li teżenta minn din it-taxxa f'ras il-għajn l-interessi mħallsa lil kumpannija benefiċjarja residenti tal-ewwel Stat Membru.

22 Qabel kollox, għandu jiġi mfakkar li, fin-nuqqas ta' miżuri Komunitarji ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni, b'mod partikolari skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 293 KE, l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-kompetenza sabiex jiddeterminaw, permezz ta' ftehim jew unilateralment, il-kriterji ta' tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom, sabiex, partikolarment, tiġi eliminata t-taxxa doppja (ara s-sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly, C-336/96, Ġabra p. I-2793, punti 24 u 30; tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN,

C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 57; tal-5 ta' Lulju 2005, D., C-376/03, Ġabra p. I-5821, punt 52; tad-19 ta' Jannar 2006, Bouanich, C-265/04, Ġabra p. I-923, punt 49; tas-7 ta' Settembru 2006, N, C-470/04, Ġabra p. I-7409, punt 44; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 52, kif ukoll tal-14 ta' Diċembru 2006, Denkavit Internationaal u Denkavit France, C-170/05, Ġabra p. I-11949, punt 43).

23 Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, f'dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tas-setgħa ta' tassazzjoni hekk attribbwita, l-Istati Membri ma jistgħux ma josservawx ir-regoli Komunitarji (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Saint-Gobain ZN, punt 58, kif ukoll Denkavit International u Denkavit France, punt 44). B'mod partikolari, dan it-tqassim tal-kompetenza fiskali ma jippermettix lill-Istati Membri jintroduċu diskriminazzjoni kuntrarja għar-regoli Komunitarji (is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Bouanich, punt 50, kif ukoll Denkavit Internationaal u Denkavit France, punt 44).

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali taqax taħt l-Artikolu 73 B tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital jew taħt l-Artikoli 52 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 43 KE) u 58 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 48 KE) dwar il-libertà ta' stabbiliment.

25 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għaż-żamma minn ċittadin tal-Istat Membru kkonċernat, fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, ta' sehem li jippermettilu jeżerċita influwenza determinanti fuq id-deċiżjonijiet ta' din il-kumpannija u li jiddetermina l-attivitajiet tagħha, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment (is-sentenzi tat-12 ta' Set-

tembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, C-196/04, Ġabra p. I-7995, punt 31; tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 27, u tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services, C-298/05, Ġabra p. I-10451, punt 29).

26 F'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-punt 2 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(3) tal-Ftehim Belġju-Lussemburgu tiddependi fuq kemm hu mdaqqas is-sehem li l-kumpannija benefiċjarja tal-interessi għandha fil-kapital tal-kumpannija li tqassam dawn l-interessi.

27 Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprovdi li l-interessi attribwiti minn kumpannija residenti ta' Stat kontraenti lil kumpannija residenti tal-Istat kontraenti l-ieħor li jkollha direttament jew indirettament mill-inqas 25 % tal-azzjonijiet jew tal-ishma flimkien ma' dritt tal-vot tal-ewwel kumpannija jistgħu jiġu intaxxati fl-Istat kontraenti li minnu huma derivanti.

28 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Wickler Finances għandha 48 % mill-kapital ta' Truck Center.

29 Din ir-rata ta' parteċipazzjoni hija, bħala prinċipju, tali li tagħti lil Wickler Finances influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet u l-attivitajiet ta' Truck Center.

30 Għaldaqstant, din il-leġiżlazzjoni għandha tiġi eżaminata fir-rigward tal-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat.

31 Il-libertà ta' stabbiliment, li l-Artikolu 52 tat-Trattat jirrikonoxxi liċ-ċittadini Komunitarji u li jinkludi d-dritt li jibdew u jeżerċitaw attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom, kif ukoll li jikkostitwixxu u jmexxu impriżi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk iddefiniti fil-liġijiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment, għaċ-ċittadini tiegħu stess, tinkludi, skont l-Artikolu 48 KE, fir-rigward tal-kumpanniji stabbiliti skont il-liġijiet ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa l-Komunità Ewropea, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' kumpannija sussidjarja, fergħa jew aġenzija (ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 1998, ICI, C-264/96, Ġabra p. I-4695, punt 20, kif ukoll is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Saint-Gobain ZN, punt 35; Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas, punt 41; Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 42, kif ukoll Denkavit Internationaal u Denkavit France, punt 20).

32 Fir-rigward ta' kumpanniji, għandu jiġi osservat li l-uffiċċju rreġistrat tagħhom skont l-Artikolu 58 tat-Trattat iservi sabiex tiġi ddeterminata, bħaċ-ċittadinanza ta' persuni fiżiċi, ir-rabta tagħhom mas-sistema legali ta' Stat Membru. Li kieku kellu jiġi aċċettat li l-Istat Membru ta' residenza jista' liberament jadotta trattament differenti minħabba s-sempliċi fatt li l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija jinsab fi Stat Membru ieħor l-Artikolu 52 tat-Trattat jiġi pprivat minn kull sinjifikat. Il-libertà ta' stabbiliment b'hekk hija intiża sabiex tiggarantixxi l-benefiċċju tat-trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, billi tipprekludi kull diskriminazzjoni bbażata fuq il-post tal-uffiċċju rreġistrat tal-kumpanniji (ara s-sentenzi Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43; Denkavit Internationaal u Denkavit France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22, u tas-26 ta' Ġunju 2008, Burda, C-284/06, Ġabra p. I-4571, punt 77).

33 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, għandhom jiġu kkunsidrati bħala restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment il-miżuri kollha li jipprojbixxu, ifixklu jew jirrendu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà (ara s-sentenzi tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37; tal-5 ta' Ottubru 2004, CaixaBank France, C-442/02, Ġabra p. I-8961, punt 11, u Columbus Container Services, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

34 F'dan il-każ, mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżulta li l-metodi ta' ġbir tat-taxxa jvarjaw skont fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-kumpannija li tibbenefika mill-interessi.

35 Fil-fatt, skont din il-leġiżlazzjoni, it-taxxa f'ras il-għajn tinġabar fuq l-interessi mħallsa lil kumpannija benefiċjajra mhux residenti, filwaqt li ma tinġabarx fuq l-interessi mħallsa lil kumpannija benefiċjarja residenti, li huma intaxxati, jekk ikun il-każ, taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji li għaliha hija suġġetta din il-kumpannija.

36 Madankollu, sabiex jiġi ddeterminat jekk differenza ta' trattament fiskali hijiex diskriminatorja, għandu jiġi kkunsidrat jekk, fir-rigward tal-miżura nazzjonali inkwistjoni, il-kumpanniji kkonċernati jinsabux f'sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli (is-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

37 Skont ġurisprudenza stabbilita, diskriminazzjoni tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli jew saħansitra fl-applikazzjoni tal-istess

regola għal sitwazzjonijiet differenti (ara s-sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker, C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 30; tal-11 ta' Awwissu 1995, Wielockx, C-80/94, Ġabra p. I-2493, punt 17, u Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46).

38 Għandu jingħad ukoll li, fir-rigward ta' taxxi diretti, is-sitwazzjoni tar-residenti u dik tal-persuni li mhumiex residenti mhumiex, bħala regola ġenerali, paragunabbli (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Schumacker, punt 31, u Wielockx, punt 18).

39 Differenza fit-trattament bejn persuni taxxabbli residenti u persuni taxxabbli mhux residenti ma tistax, għaldaqstant, fiha nfisha, tkun ikkunsidrata bħala diskriminazzjoni fis-sens tat-Trattat (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Wielockx, punt 19, kif ukoll Denkavit Internationaal u Denkavit France, punt 24).

40 Jeħtieġ għaldaqstant li jiġi eżaminat jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-differenza fit-trattament stabbilita mil-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bejn il-kumpanniji li qed jibbenefikaw minn dħul minn kapital, li tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' metodi differenti ta' ntaxxar skont jekk dawn il-kumpanniji jkunux stabbiliti fil-Belġju jew fi Stat Membru ieħor, tikkonċerna sitwazzjonijiet li mhumiex oġġettivament paragunabbli.

42 Fil-fatt, fl-ewwel lok, meta kumpannija li tqassam l-interessi u l-kumpannija li tibbenefika minn dawn l-interessi hija residenti fil-Belġju, il-pożizzjoni tal-Istat Belġjan hija differenti mill-pożizzjoni li jadotta meta kumpannija residenti f'dan l-Istat tħallas l-interessi lil kumpannija mhux residenti peress li, fl-ewwel każ, l-Istat Belġjan jaġixxi fil-kapaċità tiegħu bħala Stat ta' residenza tal-kumpanniji kkonċernati u peress li, fit-tieni każ, jaġixxi bħala l-Istat li minnu joħorġu l-interessi.

43 Fit-tieni lok, il-ħlas tal-interessi minn kumpannija residenti lil kumpannija residenti oħra u l-ħlas tal-interessi minn kumpannija residenti lil kumpannija mhux residenti jagħtu lok għal taxxi differenti, ibbażati fuq sistemi legali differenti.

44 Għalhekk, minn naħa, għalkemm huwa minnu li t-taxxa f'ras il-għajn ma tinġabarx fuq l-interessi mħallsa minn kumpannija residenti lil kumpannija residenti oħra, xorta jibqa' l-fatt li, skont id-dispożizzjonijiet taċ-CIR 1992, dawn l-interessi huma intaxxati mill-Istat Belġjan peress li jibqgħu suġġetti, fir-rigward ta' din il-kumpannija u l-istess bħad-dħul l-ieħor tagħha, għat-taxxa fuq il-kumpanniji.

45 Min-naħa l-oħra, l-Istat Belġjan jiġbor minn ras il-għajn it-taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi mħallsa minn kumpannija residenti lil kumpannija mhux residenti bis-saħħa tal-possibbiltà li, skont il-Ftehim Belġju-Lussemburgu, dan l-Istat u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu rriżervaw reċiprokament fit-tqassim tas-setgħat tagħhom ta' tassazzjoni.

46 Dawn il-metodi differenti ta' ġbir ta' taxxa jikkostitwixxu għaldaqstant il-korollarju talfatt li l-kumpanniji benefiċjarji residenti u dawk li mhumiex residenti huma suġġetti għal taxxi differenti.

47 Fl-aħħar lok, dawn il-metodi differenti ta' taxxa jirriflettu d-differenza fis-sitwazzjonijiet li fihom jinsabu dawn il-kumpanniji fir-rigward tal-irkupru tat-taxxa.

48 Fil-fatt, jekk il-kumpanniji benefiċjarji residenti huma direttament suġġetti għallverifika min-naħa tal-amministrazzjoni tat-taxxa Belġjana, li tista' tiżgura l-irkupru forzat tat-taxxa, dan mhuwiex il-każ tal-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti peress li, għal dawn tal-aħħar, l-irkupru tat-taxxa jirrikjedi l-għajnuna tal-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Istat ta' residenza tagħhom.

49 Barra minn hekk, minbarra li dan jikkonċerna sitwazzjonijiet li mhumiex oġġettivament paragunabbli, it-trattament differenti li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jiksibx neċessarjament vantaġġ lill-kumpanniji benefiċjarji residenti ladarba, minn naħa, kif osserva l-Gvern Belġjan fis-seduta, dawn għandhom iħallsu bil-quddiem it-taxxa fuq il-kumpanniji u, min-naħa l-oħra, ir-rata tat-taxxa f'ras il-għajn miġbura fuq l-interessi mħallsa lil kumpannija mhux residenti hija kompletament inferjuri għal dik tat-taxxa fuq il-kumpanniji, miġbura fuq id-dħul tal-kumpanniji residenti li jibbenefikaw minn interessi.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan it-trattament differenti ma jikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 52 tat-Trattat.

51 Fir-rigward tal-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment ta' kapital skont l-Artikolu 73 B tat-Trattat, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-konklużjoni stabbilita fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza tapplika wkoll fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat relatati mal-moviment liberu tal-kapital (is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 60, u Columbus Container Services, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56).

52 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li jippreċedu, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikoli 52, 58, 73 B u 73 D tat-Trattat għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għal taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi mħallsa minn kumpannija residenti f'dan l-Istat lil kumpannija benefiċjarja residenti fi Stat Membru ieħor, filwaqt li teżenta minn din it-taxxa f'ras il-għajn l-interessi mħallsa lil kumpannija benefiċjarja residenti tal-ewwel Stat Membru li d-dħul tagħha huwa ntaxxat ġewwa l-Istat Membru tal-aħħar taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 52 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 43 KE), 58 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 48 KE), 73 B tat-Trattat KE u 73 D tat-Trattat KE (li saru, rispettivament, l-Artikoli 56 KE u 58 KE) għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi għal taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi mħallsa minn kumpannija residenti f'dan l-Istat lil kumpannija benefiċjarja residenti fi Stat Membru ieħor, filwaqt li teżenta minn din it-taxxa f'ras il-għajn l-interessi mħallsa lil kumpannija benefiċjarja residenti tal-ewwel Stat Membru li d-dħul tagħha huwa ntaxxat ġewwa dan l-Istat Membru tal-aħħar taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji.

Firem